# WAQTIET IMPORTANTI FIL-ĦAJJA TAL-BANDA ĊITTADINA "KING'S OWN"

## Mill-Kaxxier tas-Soċjetà u l-Banda Ċittadina King's Own

**Tony Polidano**




"La Nazionale" kien l-ewwel isem li kellha l-banda tagħna, li twaqqfet fil-Belt Valletta sewwa sew fid-dar nru. 22 u fuq il-Fosos fi Pjazza Sant' Iermu f'Novembru 1874.

Matul iż-żmien din il-banda kellha sehem importanti ħafna f'diversi okkażjonijiet, u llum sa nagħti daqqa ta' għajn ħafifa lejhom biex flimkien niftakru f'uħud minn dawn il-waqtiet glorjużi.

Il-Banda bdiet tissejjaħ "King's Own" fl-1901 wara li r-Re Dwardu VII, li kien għadu kemm laħaq Re u Sultan ta' l-Imperu Ingliż hekk kif mietet ommu, ir-Reġina Vittorja, kien ta l-kunsens tiegħu għal dan. Qabel il-banda kienet imsemmija "Prince of Wales' Own" għal dan l-istess personaġġ meta kien għadu prinċep eredi tat-tron.

Il-Banda King's Own kienet l-ewwel banda li kellha suċċessi kbar barra minn xtutna. Dan kien fl-1912 meta rebħet l-ogħla ġieħ fil-kategorija "Eċċellenza" fil-Konkors Internazzjonali tal-Mużika li kien sar l-Alġier, il-belt ewlenija ta' l-Alġerija, li dak iż-żmien kienet taħt il-ħakma Franċiża. Barra minn dan, il-banda żaret diversi pajjiżi u dejjem sabet tifħir fuq fomm kulħadd.

Hekk ukoll ġara f'Como, l-Italja ta' Fuq, fejn fis-27-28 t'Awissu 1927 kien sar konkors bandistiku internazzjonali matul il-festi ċentinarji li saru f'ġieħ Alessandro Volta. Kemm il-Banda King's Own u kemm La Valette tal-Belt ħadu sehem fl-istess kategorija superjuri ta' "Eċċellenza" u t-tnejn kienu mfaħħra. Iżda minn fost dawk li kkompetew ħadd ma rebaħ l-ewwel premju, u għalhekk dan ma ngħatax. Dan il-konkors sar ħmistax-il sena wara li l-King's Own kienet rebħet l-ogħla ġieħ f'Alġiers.

Fis-snin għoxrin u tletin, sa qabel il-gwerra (1939-45), is-Soċjetà Filarmonika u l-Banda Ċittadina King's Own tat is-sehem tagħha fiċ-ċelebrazzjoni tal-festi tat-Tmienja ta' Settembru, jew kif kienu jsejħulhom dak iż-żmien ta' l- "Otto Settembre", fil-Belt Valletta, bil-banda li kull sena kienet takkumpanja karru trijonfali allegoriku. Fis-sewwa għandu jingħad li l-każini tal-Belt kienu l-promoturi ta' din it-tifkira patrijottika.

Il-Banda daqqet ukoll fil-festi taċ-Ċentenarju Pawlin fl-1960, ta' l-Indipendenza fl-1964, tar-Repubblika fl-1974, tal-Ħelsien fl-1979 u llum għadha tieħu sehem kull sena, flimkien ma' La Valette fil-kunċert tas-7 ta' Ġunju.

Okkażjoni importanti oħra ta' min issemieha hi li fi tmiem wieħed mill-kunċerti li l-Banda tagħna tagħti fil-festi tat-8 ta' Settembru, dak ta' l-1936, kien indaqq l-Innu Malti għall-ewwel darba minn banda mhux militari. U dan għamlitu l-banda King's Own. Kien is-Surmast Direttur sostitut, Mro. Vincenzo Ciappara, li għamel l-arranġament strumentali għall-banda biex jaqta' x-xewqa ta' l-istess Poeta Nazzjonali, Dun Karm, li kiteb il-kliem ta' dak l-innu li llum il-Kostituzzjoni ta' pajjiżna tagħrfu bħala l-Innu Nazzjonali. Biex jitfakkar għeluq il-50 sena minn dan l-avveniment storiku, fl-1986 inkixfet irħama fi Pjazza San Ġorġ, sewwa sew fil-post fejn il-King's Own kienet saret l-ewwel banda li daqqet l-Innu Malti.

Okkażjoni oħra kienet dik tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien sar f'Malta fl-







1913. Il-Banda King's Own esegwit kunċert fil-Belt u daqqet innu li kien ikkompona s-Surmast Direttur tal-Banda Mro. Aurelio Doncich stess għall-okkażjoni.

Il-Kumitat tas-Soċjetà kien silef lill-kumitat organizzattiv tal-Kungress Internazzjonali ż-żewġ pultruni li jinsabu fis-sala tal-każin. Dawn intużaw mill-Kardinal Ferrata u l-Kardinal Bourne fuq it-tribuna waqt il-manifestazzjonijiet li saru fuq il-Fosos fil-Floriana.

Il-Banda King's Own ħadet sehem importanti fil-Festival Internazzjonali ta' l-Arti li sar fil-pjazza tal-Katidral, fl-Imdina, fis-16 ta' April 1975.

Okkażjoni sabiħa oħra kienet dik meta l-Banda King's Own tat merħba lill-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II mal-wasla tiegħu ħdejn il-Kon-Kattidral ta' San Ġwann waqt iż-żjara pastorali tal-25-27 ta' Mejju 1990.

Fil-jum nazzjonali tas-Sebgħa ta' Ġunju, tul dawn l-aħħar għaxar snin (barra fl-1997 meta l-kunċert ma sarx) il-Banda Ċittadina King's Own, flimkien mal-Banda La Valette, qed tkun mistiedna mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta biex tesegwixxi programm mużikali daqqa fi Pjazza l-Assedju l-Kbir u daqqa fi Pjazza San Ġwann. Din is-sena, għall-ewwel darba, l-banda kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur ġdid tagħha, Mro. John Galea. Fatt importanti ieħor huwa li għall-ewwel darba indaqq Innu ta' l-Ewropa. Mro. John Galea għamel l-arranġament strumentali għall-Banda ta dan l-Innu.

Dan il-kunċert qed ikun organizzat tajjeb ferm mill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta. Il-Banda tagħna kull sena qed tikseb trijonf kbir meta tesegwixxi l-kunċert sinfoniku annwali fit-teatru ta' l-Istitut Kattoliku, il-Floriana. Din is-sena l-kunċert sa jsir nhar is-Sibt 18 ta' Ottubru 2003. Dawn il-kunċerti qed jiġbdu l-attendenza numeruża ta' dawk kollha li jħobbu jisimgħu mużika ta' kwalità mdaqqa bi professjonalità u ħila kbira mill-mużiċisti tagħna. Hawn ukoll ta' min jgħid li dis-sena sa tkun l-ewwel esperjenza mal-banda tagħna għas-Surmast il-ġdid.



**Il-Banda King's Own waqt il-Kunċert li sar nhar il-Ġimgħa 6 ta' Ġunju 2003**

Dawn kienu wħud mill-okkażjonijiet li taw u għadhom jagħtu ġieħ lis-Soċjetà Filarmonika u l-Banda Ċittadina King's Own. Filwaqt li nagħti l-festa t-tajba lil kulħadd, nixtieq u nittama li jkolli opportunitajiet oħra biex inkompli nagħti aktar tagħrif dwar okkażjonijiet importanti li kellha mal-mixja taż-żmien il-Banda għażiża tagħna.